MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1171/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Dr. Audrey McCormick u l-istess Dr. Audrey McCormick**

**Vs**

**Leonard Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ sitt mija u sitta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm656.39c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident. Il-konvenut qal ukoll li l-atturi ghandhom jippruvaw sodisfacentement l-entita' tad-danni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn McCormick qalet:

"I was proceeding along Triq 9 ta' April, 1942 and the other vehicle emerged from Triq il-Qattara, Mqabba and dashed into my side."

Il-konvenut qal:

"I was proceeding along Triq il-Qattara, Mqabba into Triq 9 ta' April 1942, I stopped and drove again and the collision occurred."

Ra x-xhieda ta' PS 849 Ivan Curmi fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz. Jikkonferma wkoll li l-karozzi jistghu jipparkjaw fuq iz-zewg nahat ta' Triq 9 ta' April, 1942 hlief fil-kantuniera.

Jghid illi ma jiftakarx li kien hemm karozzi pparkjati dakinhar ta' l-incident ghaliex kieku kien jimmarka fuq ir-*Road Accident Report*. Jghid ukoll illi hadd mill-partijiet ma semma' li kien hemm karozzi pparkjati.

Jikkonferma li iktar 'il quddiem ta' Triq 9 ta' April, 1942 fejn tibda Misrah il-Fidwa hija *one way*.

Ra x-xhieda ta' Dr Audrey McCormick fejn tikkonferma li qalet fir-*Road Accident Report*. Tghid ukoll illi fit-tieni parti ta' Triq 9 ta' April, 1942 kien hemm karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat. Ma kienet semmghiet xejn dwar dan fir-*Road Accident Report* ghaliex hasbet li huwa d-dover tas-surgent sabiex inizzel dan.

Tikkonferma li hallset mitt lira Maltin (Lm100) bhala *excess* u s-socjeta' attrici hallset id-danni.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi hu ried idur fuq ix-xellug fit-Triq 9 ta' April, 1942. Jghid illi kien hemm karozza fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk ried johrog ftit iktar 'il barra fuq il-lemin. Jghid ukoll illi waqt li kien wieqaf il-vettura ta' McCormick baqghet diehla fuqu.

Fil-kontro-ezami jghid illi meta mar jara r-*Road Accident Report* innota xi affarijiet nieqsin kif ukoll zbalji. Isostni illi dakinhar ta' l-incident kien wieqaf u mhux kif imnizzel fuq ir-*Road Accident Report*.

Jikkonferma li meta gie biex johrog minn Triq il-Qattara kellu l-vizwali ostakolat minhabba li kien hemm karozza.

Jghid illi l-karozza tieghu mxiet fuq il-lemin bid-daqqa. Il-hsarat tal-vettura ta' McCormick kienu mill-bieba lura.

Ma jaqbilx ma' l-iskizz.

Illi fl-**Artikolu 213 tal-Highway Code** ghandu jigi kkunsidrat:

"At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter should give way to traffic on or coming off the major road."

Mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut kien hareg ftit fuq il-*main road*. Il-konvenut kellu l-obbligu li jaghti precedenza ghat-traffiku li kien ghaddej mill-*major road.* Kellu l-obbligu li jara dawk il-vetturi fuq il-*major road* u johrog biss meta seta' jaghmel hekk minghajr ma jostakola vetturi ohra. (Ara **Attard Vs Zammit PA 16/4/1993, Bianchi Vs Patinott PA 18/5/1995** u **Fogg Vs Vella (Appell 2141/95)**).

Illi diversi sentenzi jitkellmu dwar l-importanza ta' dikjarazzjonijiet maghmula lill-pulizija ezatt wara l-incident. Illi f'dan il-kaz il-konvenut qal:

"I was proceeding along Triq il-Qattara, Mqabba into Triq 9 ta' April, 1942. I stopped and drove again and the collision occurred."

Illi ma qalx li esplora l-*main road*. Illi saret referenza ghas-sentenza **GasanMamo Vs Said (Tribunal Ghal Talbiet Zghar 26/9/2003)** fejn it-Tribunal ikkonkluda li l-fatt li inti *main road user* ma jaghtix xi drittijiet partikolari assoluti fuq kulhadd u fuq kollox, fis-sens li hu seta' jinjora r-regolamenti tat-traffiku, specjalment f'xi lokalita' bhal dik fejn gara l-incident. Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-attrici njorat ir-regolamenti tat-traffiku. L-incident gara mhux ghaliex l-attrici ma kienetx ezatt fuq in-naha taghha tat-triq izda ghaliex il-konvenut hareg minn *side road* minghajr ma ra l-vetturi fuq il-*main road*.

Gew esebiti s-*survey report* u kopji ta' l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sitta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm656.39c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali tas-27 ta' Frar, 2004.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------